# IL-PRESIDENZA U INT

L-Awtorità dwar il-Mediċini qed tassigura li l-ħidma kollha relatata mal-presidenza jkollha impatt pożittiv fuq il-ħajja tan-nies. L-Awtorità organiżżat 24 konferenza u laqgħat li fihom ħdimna sabiex nilħqu l-viżjoni tal-Awtoritá li Malta ssir ċentru ta' eċċellenza fl-attivitajiet farmaċewtiċi.

Numru ta' summits saru għall-ewwel darba fl-Ewropa bħal li gibna flimkien organizzazzjonijiet u l-pazjenti li għandhom interess fil-mard rari. Dan wassal għal dikjarazzjoni mill-EURORDIS li permezz tagħha qed insaħħu ukoll l-qafas Ewropew għal mard rari. Organizzajna summit li fih laqqajna flimkien regolaturi Afrikani u regolaturi Ewropej sabiex il-kompetenza li bnejna tul l-aħħar snin tintuża għal benefiċċju ta' pazjenti mhux biss fl-Ewropa imma lil hinn minnha. Laqqajna flimkien l-esperti dwar is-sigurtà fuq il-mediċini u l-esperti tal-mediċini dwar it-tfal sabiex insaħħu l-kwalità tal-mediċini għat-tfal għax nemmnu li mediċina għat-tfal m'għandhiex biss tkun replika ta' dik tal-adulti imma tieħu in konsiderazzjoni l-bżonnijiet tat-tfal. Dawn l-inizzjattivi ġabu s-sapport mhux biss tan-network Ewropew tal-mediċini imma anke ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħal Bill and Melinda Gates Foundation li sponsorjaw inizzjattivi ta' dan it-tip.



# TRAĦĦIS FIL-PREZZIJIET

*INKLUŻ TRAĦĦIS FIL-PREZZIJIET TA' IMPORTAZZJONI PARALLELA*

| Isem tal-mediċina | Indikazzjoni | Prezz | Prezz ġdid | Roħs għal konsumatur | Bidla % | Disponibbli minn |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tamsol 0.4mg kapsuli x20 | Iperplażja beninna tal-prostata | € 12.50 | € 8.50 | € 4.00 | 32% | Fis-suq |
| Axura 10mg pilloli x28 | Dimenzja | € 46.56 | € 31.99 | € 14.57 | 31% | Fis-suq |
| Axura 20mg pilloli x14 | Dimenzja | € 46.56 | € 31.99 | € 14.57 | 31% | Fis-suq |
| Serimel 50mg pilloli x28 | Depressjoni/ ansjetà | € 16.50 | € 13.20 | € 3.30 | 20% | Fis-suq |
| Nicorette 4mg Freshmint | Dipendenza fuq it-tabakk | € 3.53 *kull folja* | € 2.82 *kull folja* | € 0.71 *kull folja* | 20% | Fis-suq |
| Nicorette 2mg Freshmint | Dipendenza fuq it-tabakk | € 2.96 *kull folja* | € 2.43 *kull folja* | € 0.53 *kull folja* | 18% | Fis-suq |
| Duoresp 160mcg trab li jittieħed man-nifs | Ażżma/COPD | € 47.47 | € 39.60 | € 7.87 | 17% | Fis-suq |
| Duoresp 320 mcg trab li jittieħed man-nifs | Ażżma /COPD | € 47.46 | € 39.60 | € 7.86 | 17% | Fis-suq |
| Cerumol Olive Oil qtar għall-widnejn | Tneħħija tax-xama tal-widnejn | € 5.90 | € 4.95 | € 0.95 | 16% | Fis-suq |
| Omnic 0.4mg kapsuli x30 | Iperplażja beninna tal-prostata | € 19.90 | € 17.00 | € 2.90 | 15% | Fis-suq |
| Armimidex 1mg pilloli x28 | Kanċer tas-sider | € 66.00 | € 55.80 | € 10.20 | 15% | Mejju 2017 |
| Duphaston 10mg pilloli x 20 | Insuffiċjenza ta' proġesteron | € 11.56 | € 9.90 | € 1.66 | 14% | Fis-suq |
| Prozac 20mg kapsuli x30 | Depressjoni, OCD, bulimja | € 20.90 | € 17.90 | € 3.00 | 14% | Mejju 2017 |

## ROĦS FUQ 171 PRODOTT MEDIĊINALI FL-AĦĦAR ERBA' SNIN

| Isem tal-mediċina | Indikazzjoni | Prezz | Prezz ġdid | Roħs għal konsumatur | Bidla % | Disponibbli minn |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Tintaros 10mg pilloli x30 | Livell ta' kolesterol għoli | € 22.53 | € 19.60 | € 2.93 | 13% | Fis-suq |
| Lumigan 0.3mg/ml qtar għall-għajnejn x 0.4ml x30 | Glawkoma/ pressjoni okulari għolja | € 32.00 | € 28.80 | € 3.20 | 10% | Fis-suq |
| Ciproxin 500mg pilloli x10 | Infezzjonijiet batterjali | € 22.80 | € 20.80 | € 2.00 | 9% | Fis-suq |
| Nexium 40mg pilloli x28 | Rigurġitazzjoni tal-aċidu ta' l-istonku u ulċeri | € 38.16 | € 34.90 | € 3.26 | 9% | Mejju 2017 |
| Malarone 250mg/100mg pilloli x12 | Trattament/ prevenzjoni tal-malarja | € 43.70 | € 39.90 | € 3.80 | 9% | Mejju 2017 |
| Celebrex 100mg kapsuli x60 | Uġigħ - artrite | € 31.54 | € 8.94 | € 2.60 | 8% | Mejju 2017 |
| Pantoprazol 1 A Pharma 20mg pilloli x14 | Rigurġitazzjoni tal-aċidu ta' l-istonku / ipersekrezzjoni ta' l-aċidu | € 4.50 | € 4.20 | € 0.30 | 7% | Fis-suq |
| Bexsero vaċċin | Prevenzjoni ta' Neisseria meningitidis grupp B | € 175.00 | € 165.00 | € 10.00 | 6% | Ġunju 2017 |
| Celebrex 200mg kapsuli x30 | Uġigħ - artrite | € 29.72 | € 27.80 | €1.92 | 6% | Mejju 2017 |
| EllaOne 30mg pillola x1 | Kontraċezzjoni ta' emerġenza | € 37.94 | € 35.55 | €2.39 | 6% | Mejju 2017 |
| Pantoprazol 1 A Pharma 40mg pilloli x28 | Rigurġitazzjoni tal-aċidu ta' l-istonku / ipersekrezzjoni ta' l-aċidu | € 10.50 | € 10.00 | €0.50 | 5% | Fis-suq |
| Ciproxin 250mg pilloli x10 | Infezzjonijiet batterjali | € 11.33 | € 10.82 | €0.51 | 5% | Fis-suq |
| Trajenta 5mg pilloli x 28 | Dijabete mellitus tat-tip 2 | € 49.03 | € 46.99 | €2.04 | 4% | Lulju 2017 |
| Arcoxia 60mg pilloli x14 | Uġigħ -artrite | € 22.35 | € 21.68 | €0.67 | 3% | Fis-suq |
| Stemetil 5mg pilloli x250 | Sturdament | € 24.49 | € 23.64 | €0.85 | 3% | Fis-suq |



# RWOL ATTIV GĦALL-PAZJENT

Il-pazjenti għandhom rwol attiv u importanti fit-trattament tal-marda jew sintomi tagħhom u fl-għażla tal-mediċini. Li tinforma lit-tabib jew lill-ispiżjar dwar x'mediċini oħra qiegħed tieħu, u tgħidilhom dwar xi allerġiji li inti taf bihom huma żewġ punti importanti ħafna meta jitħejja t-trattament li jkollok bżonn u jintgħażlu l-mediċini għalik.

*Il-mediċina jista' jkollha effett fuq mediċini oħra*

Drawwa tajba hi, li meta tmur għand it-tabib jew l-ispiżjar urihom il-lista tal-mediċini li qed tieħu u inkludi l-mediċini kollha, kemm dawk li tieħu permezz tal-iskema tal-mediċini b'xejn kif ukoll vitamini, minerali u prodotti naturali, bħal dawk magħmula mill-ħxejjex. Dan huwa importanti għaliex il-mediċina jista' jkollha effett fuq mediċini oħra li diġà qed tieħu jew vici-versa u għalhekk tajjeb li żżomm lista sħiħa tal-mediċini li qed tieħu.

*Tista' tkun allerġiku għal xi ingredjent tal-mediċina*

Il-mediċini huma magħmulin minn diversi ingredjenti, dawk attivi - li jaħdmu fuq il-ġisem biex jipprovdu l-kura meħtieġa u ingredjenti oħra - li m'għandhomx effett fuq il-ġisem imma jiġu miżjuda fil-prodott mediċinali sabiex jagħtu l-kulur jew itejbu t-togħma. Huwa importanti li nżommu f'moħħna li l-allerġiji ma jseħħux fuq kulħadd. Iżda dawn l-allerġiji jista' jkollhom konsegwenzi fuqek, xi kultant anke serji. Eżempji ta' mediċini li jistgħu jikkawżaw allerġija huma xi tipi ta' antibijotici bħal 'penicillin'.

Huwa importanti li tiddiskuti l-bżonnijiet tiegħek mat-tabib jew l-ispiżjar sabiex taċċerta ruħek li l-mediċina mogħtija lilek tkun l-aħjar għażla għalik.

Pereżempju jeżistu forom differenti tal-istess mediċina filwaqt li għandha l-istess effett imma tvarja f'ċertu aspetti, fosthom:

- kif tidher (eżempju kulur, daqs, eċċ)
- kif teħodha (eżempju pillola, suppożitorju, titqiba, jew ingwent fuq il-ġilda);
- kemm il darba tittieħed kuljum
- il-prezz

L-Awtorità dwar il-Mediċini tagħmel mill-aħjar biex tipprovdi informazzjoni għall-pazjenti, konsumaturi u professjonisti.

Għal aktar tagħrif dwar il mediċini idħol fis-sit elettroniku www.medicinesauthority.gov.mt



# KUNTATT

L-Awtorità dwar il-Mediċini
Sir Temi Zammit Buildings,
Malta Life Sciences Park,
San Ġwann SĠN 3000.

info.medicinesauthority@gov.mt
+356 2343 9000 / 80049111

medicinesauthority.gov.mt

L-AWTORITÀ DWAR
IL-MEDIĊINI